# L-Indikaturi Industrijali Bikrin: K3/2024

NR 223/2024 Data tal-Ħruġ: 26 ta' Novembru 2024 Data tal-Għeluq: 08 ta' Novembru 2024

*Matul it-tielet kwart tal-2024, il-fatturat industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun naqas bi 2.5 fil-mija fuq it-tliet xhur ta' qabel. Meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2023, il-fatturat industrijali aġġustat bil-jiem tax-xogħol żdied bi 3.3 fil-mija.*



**Tqabbil mat-tliet xhur ta' qabel**

Fit-tielet kwart tal-2024, il-fatturat industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun naqas bi 2.5 fil-mija fuq it-tliet xhur ta' qabel. Kien irreġistrat tnaqqis fl-oġġetti intermedji (9.6 fil-mija) u fl-oġġetti kapitali (1.1 fil-mija). Min-naħa l-oħra, kienu rreġistrati żidiet fl-enerġija (3.0 fil-mija) u fl-oġġetti tal-konsum (2.4 fil-mija) (Tabella nru 1).

Meta mqabbel ma' K2 2024, l-għadd tal-impjiegi industrijali (Tabella nru 3), is-sigħat maħduma fl-industrija (Tabella nru 5) u l-pagi u s-salarji gross fl-industrija (Tabella nru 7), aġġustati għall-effetti tal-istaġun, żdiedu b'0.5 fil-mija, b'1.6 fil-mija u b'0.4 fil-mija, rispettivament.

**Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Meta mqabbel mal-istess tliet xhur tal-2023, il-fatturat industrijali aġġustat bil-jiem tax-xogħol żdied bi 3.3 fil-mija. L-ogħla żieda kienet irreġistrata fl-oġġetti tal-konsum (17.7 fil-mija). Wara din, kien hemm żidiet fl-enerġija (6.5 fil-mija) u fl-oġġetti kapitali (3.5 fil-mija). Għall-kuntrarju ta' dan, l-oġġetti intermedji naqsu bi 13.4 fil-mija (Tabella nru 2).

Meta mqabbel mat-tielet kwart tal-2023, kien hemm żieda ta' 1.7 fil-mija fl-għadd ta' impjiegi industrijali li ma kienx aġġustat (Tabella nru 4). Wara l-aġġustar bil-jiem tax-xogħol, is-sigħat maħduma fl-industrija żdiedu bi 2.3 fil-mija (Tabella nru 6) u l-pagi u s-salarji gross fl-industrija telgħu b'6.2 fil-mija (Tabella nru 8).

## Ċart nru 1. It-tibdil fil-fatturat industrijali annwali aġġustat bil-jiem tax-xogħol

(differenza fil-persentaġġ meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel)

